**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 4 – Il-ERBGĦA 5 TA' ĠUNJU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 3 li saret nhar **It-TLIETA 22 TA' MEJJU 2013** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda Magri Naudi sekondata mill-Minority Leader Dr Marc Sant, dawn ġew approvati unanimament.

Il-Laqgħa ġiet sospiża biex is-Sur Sammut tkellem mal Kunsill dwar il-Ktieb li ser jiġi ppublikat.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi xtaqet tagħmel kjarifika dwar l-grupp Għawdxi li s-servizz tagħhom jammonta għal madwar €361.00. Infurmat li dawn kienu bagħtu email lill-Kunsill għalhekk l-amministrazzjoni għandha tieħu nota ta' dan.

**2.2** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar x' gara mill-ħaddiema ta' l-ETC. Dan ġie nfurmat li wieħed kien sick minħabba eye infection u l-iehor daħal għax-xogħol.

**2.3** Il-Kunsillier Ms Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-block tal-Bieb tal-Blokka tal-Housing ġiex mixtri. Din ġiet infurmata li ser jinxtara u jitwaħħal fil-ġimgħa li ġejja.

**2.4** Il-Kunsillier Ms Lorraine Farrugia nfurmata li minħabba li l-enforcement jidher li mhux qed iħalli frott issuggeriet li jintbgħat flyer fid-djar kollha ta' Ħal Lija dwar l-indafa. Is-Segretarja nfurmata li għandu jintbgħat flyer informattiv dwar diversi affarijiet li ser issemmi aktar il-quddiem.

**2.5** Is-Sindku nforma li dwar ir-request tal-Klabb tal-Boċċi, l-Minority Leader għandu jagħmel draft ta' ittra ta' ftehim.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

***3.1 Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris***

**3.1.1** Informa li wara li hu rreżenja mill-kumitat MAGF il-Kunsill għandu jaħtar lil xi ħadd ieħor biex ikun rapprezentat f'dan il-kumitat. Kemm il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi, kif ukoll il-Kunsiller Stephanie Cutajar urew l-interess f'dan il-Kumitat. Ġie deċiz li l-Kunsillier Stephanie Cutajar tirappreżenta lill-Kunsill ta' Ħal Lija.

***3.2 Ms Magda Magri Naudi***

**3.2.1** Resident Giles Austin li joqgħod Preca Str kien talab Reserved Parking u ġie infurmat mit-TM li huwa jista' jimxi. Dan ir-resident bil-kemm jista' jimxi għax tatu stroke doppju. iS-Segretarja nfurmat li l-Kunsill ma jistax jidħol f'materji ta' Transport Malta.

**3.2.2** Residenta minn Tal-Mirakli jixtieq jagħmel ilment li l-bozza tat-triq faċċata tad-dar tagħha, nr 39 triq tal-Mirakli, qeda direttament ġol-kamra tas-sodda tagħha. Din

qed titlob li din il-bozza titressaq. Quddiem din ir-residenta ma hemmx bini, kull m'hemm huwa ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jġib quotation ta' l-ispiża.

3.2.3 L-Inspectors tar-recreational area għamlu spezzjoni fiċ-Ċentru Rekreattiv . Huma kienu sodisfatti biċ-Ċentru imma qalu li rridu inwaħħlu tabella mill- aktar fis possibli. Huwa bagħat kopja ta' din it-tabella lill-kunsill biex naraw bejn wieħed u ieħor kif għanda ssir. Il-playing field f'Tal-Mirakli tinstab fi stat perikoluż ħafna. Kienet għamlet rapport fuq dan il-gnien u bħala Kunsill konna qed nisperaw li dan jista' jitranga mill-fondi tal-UIF. Naħseb li għandna naraw x'nagħmlu għax ir-residenti tal madwar ma għandhomx post fejn jirrekrejaw ruħhom.

3.2.4 Il-Mithna mhux ser tilħaq tkun lesta biex tintuża għal Jum Ħal Lija. Nfurmat li xorta nistgħu nistaqsu lil diversi artisti biex jieħdu sehem f'workshop li ser isiru fl-okkazzjoni ta' Jum Hal Lija fil-għaxija, fit-Torri Belvedere. Għalkemm l-ispazju huwa limitat, n-nies preżenti jkunu jistgħu iżuru t-Torri waqt li jaraw lill-artisti fuq xogħolhom.

3.2.5 Staqsiet jekk il-kunsill għamilx l-applikazzjoni għad dawl u l-ilma għal ġol-Mitħna? Is-Segretarja nfurmat li peress li wara li għamel inspection fuq il-post u jidher li hemm *dangerous structure* dan il-post għandu jinżam magħluq sa kemm jiġi rrangat. Għalhekk din l-appikazzjoni għandha ssir meta jkun qed jiġi rrangat il-post.

3.2.6 Nfurmat li kemm il-Mitħna u t-Torri għandhom ikunu mixgħula dakinhar ta' Jum Ħal Lija. Il-Mitħna għandha tkun iktar imdawla u t-Torri għandu jkun iktar imdawwal minn naħa ta' fuq għalhekk irid jinbidel id-dawl eżistendi f'xi forma jew oħra.

3.2.7 Suggeriet li ssir "ARABIAN NIGHT" mal-komuntajiet diversi fejn jiġu preżentati l-ikel, il-prodotti u żeffiena tagħhom. Din l-attivita tista' ssir bejn 1 ta' Settembru u 6 ta' Settembru 2013. Din l-attivita għandha titella fi Vjal Trasfigurazzjoni u ċ-Ċentru Rekreattiv bil-possibilta li tintuża anke il-Pjazza b'arrangament fuq t-traffiku. Nfurmat li diga għamlet kuntatti mal-Morokkini u oħrajn. Din l-attivita għandha tiġbed nies mill-ibliet u r-rħula tal-madwar u jista' jiġi avżat l-Ministeru tat-turiżmu biex tingħata pubbliċita u anke idaħluha fil-kalendarju tagħhom.

3.2.8 Ipproponiet attivita edukattiva għal-studenti tal-ħames sena - żjara għal Happy Farm fejn jingħataw informazzjoni fuq iż-żwiemel. Anke jingħataw l-opportunita li jagħmlu horse riding ġol kumpless tagħhom u anke jingħataw bibita zgħira. Il-Kunsill iħallas għat-trasport u l-prezz għal kull tifel jew tifla ikun €5.00.

3.2.9 Issugeriet li l-Kunsill għandu joffri lir-residenti kors fuq il-first aid. Il-Kunsill jista jibda billi jistieden żewġ jew tlett membri ta' għaqdiet socjali u ta' l-isports. Din l-attivita tista tigi organizzata mar-RED CROSS. Dawn jistgħu jigu Ħal Lija u jgħatu Courses. Dan il-kors jikkonsisti f'erba taħdidiet ta' tlett siegħat u nofs kull taħdita (erbatax il-siegħa b'kollox) għal prezz ta' €33.00. Kull kors irid ikollu mhux inqas minn għaxar membri u mhux aktar minn 15/17 il-membru. Kull min jattendi għal kors jingħata certifikat li jkun rikonoxut internazzjonalment u jkun validu għal

tlett snin. (wieħed dejjem jista' jattendi għal kors ieħor biex iżomm ruħu aggornat). Is-Sur Edward Grupetta huwa l-contact person.

3.2.10 Nfurmat li għakemm diġa hemm ppjanajt heritage walk. Għandha kuntatt tajjeb tal-Ministeru tat-Turizmu li diga offra l-għajnuna tiegħu biex jgħin f'setturi oħra tat-Turiżmu. Taħseb li important li jkun jista' jaħdem fuqha sabiex nattiraw iktar nies li jistgħu jgħinu lil-għaqdiet tagħna u jibbenefikaw mill-visti tagħhom.

*3.3 Ms Stephanie Cutajar*

3.3.1 Tkellmet dwar il-pjanijiet tagħħa għal Jum Ħal Lija. Is Segretarja nfurmat li għandha tibgħat programm via Email wara li titkellem mal-Viċi Sindku.

3.3.2 Nfurmat dwar il-ħsieb li ssir ġita għal 4 ijiem gewwa Ruma.

3.3.3 Nfurmat dwar il-ħsieb li ssir ġita oħra għal Sqallija lejn l-aħħar tas-Sajf.

3.3.4 Nfurmat li qed taħdem biex issir attivita dwar Animal Awareness.

*3.4 Dr Marc Sant*

3.4.1 Nforma li nhar il- 5 ta' Awwissu xtaq li l-Kunsill jorganizza Kunċert. Il-Kunsill qabel dwar dan. Dr Sant għandu jibgħat aktar informazzjoni l-quddiem dwar x' għandu fil-ħsieb li jsir.

4. Informa li għandha tintbgħat ittra fi djar biex naraw min hu interessat li jkun parti mis-sottokumitat taz-zghazagh u sports, kif ukoll tas-sottokumitat dwar proġetti tal-EU, EU funding. Is-Segretarja nfurmat li din għandu jkun parti mill-flyer li ser jintbgħat.

4.1.1 Informa li tkellem mal-MEUSAC u ser jagħmlu information session ġewwa l-kunsill għal min hu interessat. Dawn ser jagħtu nformazzjoni dwar l-fondi Ewropej.

4.1.2 Informa dwar x'qed jiġri fuq Traffic Management ġewwa Ħal- Lija.

4.1.3 Informa li għandu grupp ta'volontiera li jixtieqs jgħinu lill-Kunsill f'xogħol ta' l-id. Il-Kunsill laqgħa din it-talba.

4.1.4 Il-Minority Leader issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jipprova jara biex japlika għall-fondi sabiex jipproteġu jew jerġgħu jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ.

4.1.5 Il-Minority Leader talab li fil-laqgħa li jmiss issir diskusjoni dwar il-Festival taċ-Ċitru.

*4.2 Ms Lorraine Farrugia*

4.2.1 Tagħat update dwar il-Courses tat-TCTC, li nfurmat li hemm minnhom li huma diġa fully booked.

4.2.2 Nfurmat dwar l-attivitajiet għat-tfal u ġenituri tagħhom. Is-Segretarja nfurmat li għandha tibgħat dan il-pjan lilha u jekk tista tagħmel costings.

4.2.3 Nfurmat dwar l-indafa fl-area ta' Senna. Saqsiet jekk il-Kunsill jistax japplika għal fondi kif għamel dak ta' l-Iklin.

4.2.4 Nfurmat li fi Triq Merino hemm bzonn ta' enforcement. Il-Kuntrattur li qed jaħdem mhux qed iħalli nadif.

4.2.5 Nfurmat li Triq Id-Dejqa qegħda fi stat diżastruz. Għandha bżonn *extensive patching*. Is-Segretarja nfurmat li ser toħroġ *tender* pero għal issa ser isirilha xi *patching* temporanju. Għandha tibgħat xi ritratti lis-Segretarja.

4.2.6 Nfurmat li l-Mastrudaxxa ta' Triq Sir Ugo Mifsud għadu għaddej kif kien. Għalhekk għandu jiġi nfurmat bil-miktub dwar l-inkonvenjent li qed joħloq.

4.2.7 Nfurmat li l-area ta' l-abbati għandha tingħata ftit attenzjoni. Is-Segretarja nfurat li ser tara x'hemm bżonn isir.

**5. KORRISPONDENZA**

**5.1** Bernard Camilleri –Problema bil-karozzi li qiegħdin jipparkjaw fi Triq Giannikol Buhagiar eżatt mal-koxxa tal-garage ta' dar b'hekk qiegħed issibha diffiċli ħafna biex joħroġ. Għalhekk qiegħed jagħmel request għal double yellow lines mal-ġenb tal-garage (attached Photo). Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.2** Bernard Camilleri – biex jirraporta l-problema kbira li qiegħdin jaffaċaw ir-residenti ta' Senna bil-karozzi ta' Ventura Dealers li aparti li jipparkjaw ma' kullimkien issa ukoll qiegħdin iħallu hafna żibel warajhom (attached photo)

**5.3** Magda Magri Naudi – biex tirraporta li l-bankina ta' quddiem il-kunsill li tibqa sejra sa Salvatur Court qiegħda fi stat diżastruż u trid tinbidel qabel ma jsir xi aċċident. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġiebu quotations.

**5.4** Resident minn Triq Carmelo Farrugia li xtaq li jibqa' anonimu jixtieq jgħaddi lment li fi Triq Carmelo Farrugia ftit qabel l-elezzjoni saru double yellow lines quddiem garage ta' mechanic. Dawn il-lines fil-verita saru għalxejn, għaliex jekk karozza tkun ipparkjata hemmhekk dan ir-resident tal-garage joħroġ faċilment. Huwa jixtieq risposta għalfejn saru u jekk saru u dawn jistew jitneħħew wara li ssir konsultazzjoni jekk humiex ta' użu jew le talab lill-Kunsill biex jitneħħew għaliex dik it-triq diġa hemm problema ta' parkeġġ. Peress li min ċempel huwa anonimu l-Kunsill iddeċieda li ma jieħu l-ebda azzjoni.

**5.5** E-mail mingħand Ms Audrey Testaferrata DeNoto fuq llment mingħand is-Sur u S-Sinjura Burlinson rigward traffiku eccessiv fi Triq Sant. Andrija. Is-Sinjura Testaferrata DeNoto qed tistenna il-kummenti u l-proposals tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din għandha tingħata lil Dr Marc Sant biex jikkonsulta ma Hugh Arnett.

**5.6** Is-Sinjura Josephine Attard kif ukoll is-Sur Alfred Cardona jixtiequ jagħmlu request għal *Traffic Calmer* fil-bidu ta' Conception Str. Għaliex il-karozzi li jitelaw sparati kull darba qiegħdin ikunu perikolużi ħafna għar-residenti kemm biex jimxu kif ukoll biex joħorgu mid-dar tagħhom. Is-Sur Cardona anke ġieli ġarab xi ħsarat mal-faċċata tad-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel li din għandha tingħata lil Dr Marc Sant biex jikkonsulta ma' Hugh Arnett.

**5.7** Il-Kunsill rċieva *request* mill-Każin Soċjeta Sant' Andrija

a. Rikjesta biex tingħalaq it-triq il-kbira minn fejn il-kappella ta' santa marija sa ħdejn il-Percius Car hire u Triq Sant' Andrija. Għandhom jiġu ibbukkjati *wardens*. Il-Kunsill qabel li ser jipprovdi l-*wardens*.
b. Qed tintgħalab rikjesta finanzjarja mill-kunsill għal-lejla Maltija. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti is-somma ta €500.00.

6. **AMMINISTRAZZJONI**

**6.1** Wara li ġew preżentati l-Audit report u l-financial statements - year ending 31 December 2012 flimkien mal-management letter fil-laqgħa preċedenti. Issa l-accountant qed jiprepara risposta li tinqara fil-laqgħa tal-Kunsill li jmis.

**6.2** Ser tipprepara tender għal:

**6.2.1** Extensive Patching

**6.2.2** Contract Manager – Works Coordinator

**6.2.3** Buying a Van for council use

**6.3** Il-Seġretarja nfurnat li ser titlob informazzjoni dwar l-iskema fuq talba tas-Sindku biex ma jintilfux fondi mogħtija mid-dipartiment. (€10,000.00)

6 **APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI**

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Mejju 2013.

**TMIEM**

Fil-20.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2013.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |